TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 137/13/GB

**Louise Buttigieg**

**vs**

**Swan Laundry & Dry Cleaning**

Illum 16 ta' Ottubru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Gunju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija u tmenin Ewro (€180.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal libsa, liema libsa giet iddanneggjata mis-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat libsa minghand il-hanut 'D Club' tan-Naxxar ghall-prezz ta' mija u tmenin Ewro (€180.00).

Ir-rikorrenti kienet baghtet il-libsa ghas-servizz tad-'dry cleaning' ghand is-socjeta' ntimata, u wara gimgha kienet lesta, pero' hija sabet li t-tbajja kienu gahdhom hemm. Illi ghalehkk, ir-rikorrenti kienet regghat cemplet lis-socjeta' ntimata, fejn l-ewwel cahdet, pero' imbaghad regghat hadet il-libsa. Meta l-libsa kienet lesta mis-servizz tad-'dry cleaning' ghat-tieni darba, ir-rikorrenti sabet illi l-libsa kienet giet lura minghand is-socjeta' ntimata ddanneggjata.

Ir-rikorrenti ezebiet ittra datata 18 ta' Gunju 2012 u ffirmata minghand Donella Agius (sid il-hanut 'D Club'), fejn hija kkonfermat illi l-libsa in kwistjoni hija ta' kwalita' tajba hafna.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

L-allegazzjoni tar-rikorrenti qieghda tigi michuda fl-intier taghha ghal dawn ir-ragunijiet:

a) Il-process tad-'dry cleaning' ma jnehhix it-tbajja' kollha li jistghu jkunu fuq il-hwejjeg. Per ezempju, tbajja' li jirrizultaw minn alkohol ghandhom l-effett illi jhallu tracci taz-zokkor rizultanti mill-alkohol stess u li jsiru visibli biss waqt jew wara li jitlesta l-process tal-moghdija;

b) Jidher, illi wara li l-libsa in kwistjoni regghat giet ittrattata bid-'dry cleaning', id-drapp ta' kulur orangjo ceda u hargu minnu hjut tat-tessut mill-frilli ta' l-istess libsa, filwaqt illi d-drapp l-iswed li minnu kien hemm ukoll il-frilli, ma gralu xejn;

c) Is-socjeta' Swan Laundry and Dry Cleaning Ltd tikkonferma illi hija segwiet l-istruzzjonijiet relattivi ghall-hasil tal-libsa de quo, u ghaldaqstant qieghda ssostni illi dan huwa latent defect fit-tessut/fabrikazzjoni tal-libsa in kwistjoni u ma kien bl-ebda mod ikkawzat minn xi difett fil-process tad-'dry cleaning';

d) Is-socjeta' Swan Laundry and Dry Cleaning Ltd, tirreferi wkoll ghall-ittra mis-sinjura Donella Agius bid-data 18 ta' Gunju 2011, li tikkonferma illi l-libsa in kwistjoni nxtrat minn ghandha f'Dicembru 2011, fejn is-sinjura Agius tistqarr illi qatt ma kellha complaints simili. Bir-rispett kollu din il-konkluzjoni taghha m'hix ibbazat fuq provi tangibbli ghal dawn ir-ragunijiet:

⇒ Ma hemm l-ebda parir tekniku u ndipendenti rigward il-kompozizzjoni tat-tessut u l-origini tieghu (material specification/composition data sheet), u wkoll rigward il-kwalita' tal-hjata/fabrikazzjoni tal-libsa in kwistjoni;

⇒ Il-prezz tax-xiri tal-libsa msemmija (warehouse cost Malta) mhux maghruf u lanqas id-data tax-xiri tal-libsa minn tal-hanut. Din il-libsa setghat inxtrat mis-sinjura Agius bi prezz baxx u nbieghet bil-prezz li nbieghet;

⇒ Irid jigi verifikat jekk min immanifattura l-libsa ghamilx it-testijiet necessarji li jirriflettu dak li tghid il-care label, u dan qabel ma dan il-prodott hareg ghal bejgh fis-suq;

⇒ Is-sinjura Agius ghandha nteress kummercjali u allura ma hijiex ser tippregudika din il-pozizzjoni tagha u dan jidher car mid-dikjarazzjoni taghha;

e) Kieku l-process tad-'dry cleaning' huwa hazin ifisser illi kull bicca hwejjeg illi tigi mnaddfa b'dan il-mod ser jigrilha l-istess haga, li assolutament mhux il-kaz u dan jista' jigi ppruvat permezz ta' statistika.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi malli hija ressqet l-ilment taghha mas-socjeta' ntimata, hija giet offruta l-ammont ta' hamsa u sebghin Ewro (€75.00) minghand l-istess socjeta' ntimata sabiex hija tirtira l-kaz, pero' hija rrifjutat.

Ir-rikorrenti ezebiet il-libsa in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Ir-rikorrenti ezebiet ittra datata 29 ta' Awissu 2013 u ffirmata minghand Donella Agius, li giet immarkata bhala Dok.LB1; email b'ritratt anness, minghand Colleen Burgess-Cooke, li giet immarkata bhala Dok.LB2; u ricevuta datata 7 ta' Dicembru 2012 ghall-ammont ta' mija u tmenin Ewro (€180.00) lir-rikorrenti minghand il-hanut 'D Club – Naxxar', li giet immarkata bhala Dok.LB3.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett li ntwera da parte tas-socjeta' ntimata lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. Wara li sema' l-provi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija u tmenin Ewro (€180.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**